FEJN HU
ĦUK?

PROĠETT PARROĊĊA SAN ĠORĠ
2020-2022

# Il-Ħabsi u l-Vittma
## Ktieb ta' talb

Kull azzjoni li tweġġa' tħalli ħafna ħabsin u ħafna vittmi, sew jekk l-istess ħabsi qatt ma jinqabad, iżda anki meta ssir ġustizzja. Dan il-ktejjeb jibda bi storja ta' saċerdot li, minkejja li dgħajjef, għaraf lil Kristu f'ħutu l-ħabsin.
It-talb kapaċi jmiss l-ikbar weġgħat ta' dawk li jħossuhom mitlufa, minsija, waħedhom u mhuma aċċettati minn ħadd. Dan il-ktejjeb għandu l-iskop li jgħinek tieħu impenn li tiddedika ftit minuti kuljum u titlob għal ħabsi, vittma u għal dawk li jaħdmu magħhom. Nissuġġerilek biex lill-ħabsi tagħtih isem, u l-Mulej iwassal l-imħabba tiegħek lil dik il-persuna li l-iktar teħtieġ imħabba bħalissa. Anki jekk fiżikament ma tistax iżżur lill-ħabsi, agħmel dan l-att ta' mħabba u agħti widen għall-karba tal-Mulej: "Jien ħabsi. Jien vittma. Ġej iżżurni?"

**L-Arċipriet**

# NITGĦALLMU U NISPIRAW RUĦNA...

**San Ġużepp Cafasso**
Tifkira: 23 ta' Ġunju

Ġismu kien imdawwar u x-xewka ta' dahru mgħawġa. Iżda f'soċjetà li kienet tiddisprezza lill-persuni b'diżabbiltà, San Ġużepp Cafasso, saċerdot fraġli, sar għalliem ta' suċċess, predikatur, konfessur u akkumpanjatur tal-ħabsin.



San Ġużepp Cafasso hu wieħed mill-"qaddisin soċjali" tal-belt ta' Turin, l-Italja (flimkien ma' San Ġwann Bosco, San Ġużepp Benedittu Cottolengo, il-Beatu Franġisk Faà di Bruno, u diversi oħrajn), li fis-soċjetà tas-seklu 19 fl-Italja ta' Fuq iddedikaw ħajjithom b'risq nies vulnerabbli u soċjalment emarġinati u sfruttati.

Għall-ħidma tiegħu b'risq il-kriminali, speċjalment dawk li kienu kkundannati għall-mewt, San Ġużepp Cafasso ġie mlaqqam "il-qassis tal-forka". Kien jieqaf magħhom sa fuq il-forka, iwasslilhom il-ħniena ta' Alla, li ma tabbanduna qatt lill-bniedem waħdu, lanqas fil-punt tal-mewt.

Ġużepp Cafasso twieled fil-15 ta' Jannar, 1811, f'familja fqira ta' bdiewa, f'Castelnuovo d'Asti, fir-Reġjun tal-Pjemonte, l-Italja. Kien it-tielet fost erba' wlied. Oħtu ż-żgħira Marjanna kienet omm il-Beatu Ġużepp Allamano, saċerdot u fundatur ta' Istitut Reliġjuż. Ġużepp Cafasso kellu saħħa fraġli ħafna minħabba problemi fix-xewka ta' dahru. Sa minn età żgħira ħass is-sejħa għas-saċerdozju u għalhekk mar fil-belt ta' Turin fi Chieti biex jistudja għal saċerdot. F'dan iż-żmien hu ltaqa' ma' qaddis ieħor, Ġwanni Bosco, li dakinhar kellu 14-il sena, u minn dakinhar saru ħbieb tal-qalb. Ġużepp Cafasso ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Settembru, 1833.

Anki wara li sar saċerdot, baqa' jistudja, fejn iltaqa' ma' Lwiġi Guala, wieħed mill-fundaturi tal-Istitut ta' San Franġisk ta' Assisi, li kien kulleġġ għat-tagħlim tas-saċerdoti djoċesani. Cafasso kellu ħafna għal qalbu l-formazzjoni kontinwa tas-saċerdoti. Hu baqa'

marbut ma' dan l-Istitut għomru kollu, l-ewwel bħala student, imbagħad bħala għalliem, kappillan, u fl-aħħar rettur tal-istess Istitut. Kien attent għall-istudenti foqra, u kien jipprovdilhom kotba u ħwejjeġ oħra meħtieġa biex ikomplu l-istudji. Ġużepp Cafasso kien saċerdot ta' penitenzi kbar. Qatt ma kien jinstema' jgerger bl-uġigħ li kien ikollu. Kien jaħdem għal ħinijiet twal, anki jekk saħħtu ma kinitx tippermettilu. Kien jgħid li l-mistrieħ jieħdu fil-Ġenna.

Kien iqaddes kuljum fl-4.30am, u kien jgħaddi ħafna ħin iqarar u jitlob fis-skiet, hekk li kien imfittex ħafna bħala konfessur u direttur spiritwali, fejn kien iħeġġeġ għall-impenn soċjali tal-Insara. Fost dawk li sabu l-għajnuna tad-direzzjoni spiritwali ta' San Ġużepp Cafasso nsibu lil San Ġwann Bosco, il-Beatu Franġisk Faà di Bruno, u l-Venerabbli Ġulja Falletti di Barolo, li ħadmet ħafna b'risq il-priġunieri nisa.

Cafasso baqa' magħruf b'mod partikulari għall-ħidma tiegħu fil-ħabsijiet mal-priġunieri, fosthom dawk li kienu jiġu kkundannati għall-mewt. Fost l-oħrajn jirrakkontaw kif darba dan is-saċerdot qasir u dgħajjef qabad priġunier mil-leħja u ma riedx iħallih qabel dan iqerr! Il-priġunier qallu li ma kienx ippreparat. Cafasso qallu biex ma jinkwetax, issa jgħinu hu. Dan il-priġunier aċċetta, u filwaqt li Cafasso qagħad bilqiegħda fuq balla tiben, dan il-priġunier niżel għarkupptejh u għall-kliem ta'

faraġ ta' Cafasso beda jibki tant li ma kellux saħħa jgħid dnubietu. Hekk kif ħa l-assoluzzjoni, il-priġunier mar ħdejn il-priġuniera sħabu jħeġġiġhom iqerru, u qalilhom li qatt ma ħassu ferħan daqs dik il-ġurnata. Huma ħadu l-eżempju tiegħu u marru jqerru kollha. Darb'oħra, wara li ressaqhom għall-qrar, akkumpanja 60 priġunier lejn il-forka. Bosta minnhom ġew mgħallqa dritt wara li qerrew u rċevew l-assoluzzjoni, hekk li l-Cafasso sejħilhom "l-imgħallqa qaddisin".

San Ġużepp Cafasso miet fit-23 ta' Ġunju, 1860. Il-prietka tal-funeral għamilha l-ħabib tiegħu San Ġwann Bosco. Hu ħalla l-ġid kollu tiegħu lill-Istitut għall-persuni b'diżabbiltà mwaqqaf f'Turin minn San Ġużepp Benedittu Cottolengo. Ġie ddikjarat beatu fit-3 ta' Mejju, 1925 mill-Papa Piju XI, u qaddis fit-22 ta' Ġunju, 1947 mill-Papa Piju XII.

# IT-TNEJN: NITOLBU GĦALL-ĦABSIN

*Meta tkun maqful f'ċella, it-tentazzjoni tkun li taqta' qalbek, titlef it-tama u tistenna biss il-jum li fih tinħeles. Kollha kemm aħna nafu kemm trid kuraġġ biex tagħraf u taċċetta li żbaljajt u biex tfittex il-maħfra.*

Alla għani fil-ħniena, mimli bil-grazzja, agħti lilna u lil kull persuna li żbaljat is-saħħa u l-umiltà biex nagħrfu, naċċettaw u nistqarru kull għemil ħażin li wettaqna.

Agħti l-kuraġġ lil dawk kollha li qed ifittxu l-verità, biex jersqu aktar lejk u jitolbuk il-maħfra u l-ħniena. Lil dawk kollha li jiġu ħdejk b'idejhom vojta u bi ħsibijiet imħawda, agħtihom is-saħħa u l-ispirazzjoni li timlielhom qalbhom u moħħhom, sabiex jindunaw illi miegħek kollox possibbli.

B'hekk, permezz ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna li qam mill-imwiet, jimxu 'l quddiem għal ħajja ġdida.
Ammen.

# IT-TLIETA: NITOLBU GĦALL-VITTMI TAL-KRIMINALITÀ

*Meta wieħed jispiċċa vittma ta' att kriminali, jiddgħajjef fuq livell profond u jibda jħares lejn il-futur b'mod inċert u mimli biża'. Dan huwa l-mument li l-vittma jiġi bżonn ħaddieħor, għas-sostenn u s-sapport li jkun hemm bżonn; il-grazzja u s-setgħa tal-Mulej huma bżonjużi wkoll biex jimxi 'l quddiem.*

Alla li tħobbna, aħna nitolbuk għall-vittmi tal-kriminalità kollha: agħtihom is-sostenn, il-kuraġġ u s-saħħa li għandhom bżonn biex jimxu 'l quddiem fil-futur tagħhom, imwennsin u maħbubin mill-Ispirtu s-Santu.

Għinhom jegħlbu l-biżgħat tagħhom, bis-sapport ta' dawk li verament iħobbuhom u jridulhom il-ġid. Għinhom jibnu lilhom infushom mill-ġdid.

Ispirahom biex jerġgħu jsaħħu l-fiduċja u l-kunfidenza u b'hekk iħarsu 'l quddiem lejn ħajja ġdida, permezz ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna.

Ammen.

# L-ERBGĦA: NITOLBU GĦALL-FAMILJI

*Ħafna drabi l-familji tal-ħabsin kif ukoll dawk tal-vittmi involuti jispiċċaw jitkissru minħabba l-aġir ħażin li jkun twettaq fil-konfront tagħhom. Xi membri tal-familja, li tabilħaqq ikunu innoċenti u bl-ebda mod involuti fil-każ, jispiċċaw imwarrba u kkundannati mis-soċjetà intortament. Din tista' tiġri lil kull wieħed u waħda minna.*

Alla, li dejjem lest biex taqsam ir-rigali kollha tiegħek magħna, aħna wliedek kollha qegħdin fil-periklu li nispiċċaw maqbudin ġo każ kriminali jew li jkollna nieħdu ħsieb lil qrabatna li jew spiċċaw priġunieri jew vittmi ta' att kriminali.

Kun preżenti u agħti s-sostenn tiegħek lil dawk l-istess familjari li qegħdin jieħdu ħsieb lil qrabathom, dawk li jżuru lill-ħabsin tagħhom u qed jistennew il-ġurnata li fiha jinħelsu.

Agħti l-qawwa lil dawk vulnerabbli u mweġġgħin, sabiex ikunu jistgħu jiġu quddiemek b'kuraġġ filwaqt li jaqilgħu mingħandek il-grazzja u l-ħniena għal ħajja ġdida permezz ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna.
Ammen.

# IL-ĦAMIS: NITOLBU GĦALL-KOMUNITAJIET

*Sew il-ħabsin u sew il-vittmi tagħhom kollha ġejjin mill-komunitajiet tagħna u jerġgħu jiġu lura fihom. B'hekk irridu nkunu ċerti li l-komunitajiet ikunu post ta' sostenn, tiġdid u żvilupp san għall-individwi kkonċernati. L-onestà u l-umiltà għandhom jiddominaw il-komunità tagħna, fejn kuljum nippruvaw insibu soluzzjoni għan-nuqqas ta' ugwaljanza soċjali u nuqqas ta' mħabba lejn ħutna.*

Ġesù Kristu Sidna, għallimna nirrealizzaw illi aħna għandna bżonnok – għinna niftakru illi int dejjem ilqajt il-midneb lura fis-saltna tiegħek, u għalhekk anki l-kriminali jistgħu jiskontaw is-sentenza tagħhom u jintlaqgħu lura.

Fakkarna wkoll illi dawk inqas ixxurtjati minna huma maħbubin u stmati.

Missier Qaddis għinna nagħrfu lil xulxin bħala aħwa fi Kristu, magħġunin fuq ix-xbieha tiegħek u denji ta' kull qima u rispett. Dan nitolbuhulek f'isem ħuna Ġesù Kristu Sidna.
Ammen.

# IL-ĠIMGĦA: NITOLBU GĦAL DAWK LI JAĦDMU FIL-ĦABS

*Mhix ħaġa faċli li taħdem f'ħabs jew post ta' detenzjoni – huwa xogħol li jinvolvi ħafna riskji u diffikultajiet, anki biex tiġi sempliċiment mifhum minn ħaddieħor. Huwa xogħol li kapaċi joħroġ l-aħjar, kif ukoll l-agħar, minna lkoll. In-nies li jaħdmu fil-ħabsijiet ta' kuljum iridu jaffaċċjaw persuni vulnerabbli u perikolużi. Dan spiss jagħmluh b'kuraġġ u kreattività, minkejja n-nuqqas ta' riżorsi u rikonoxximent.*

Alla ħaj, agħti l-kuraġġ, il-kunfidenza u s-sabar lil dawk kollha li jaħdmu fil-ħabs, biex jegħlbu kull periklu u sitwazzjoni skomda li jħabbtu wiċċhom magħha.

Għinhom jaraw lilek anki fl-agħar kriminal taħt idejhom. Minkejja li jistgħu jkunu pprovokati, żomm bogħod minn qalbhom ir-rabja u l-vjolenza li tkisser.

Għinhom isibu sapport biex qatt ma jispiċċaw jiżvogaw l-għeja tagħhom fuq il-priġunieri. Agħtihom l-enerġija meħtieġa, kemm fiżikament u kemm intellettwalment, biex ikomplu jwettqu xogħolhom bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.

Heġġiġhom jagħtu l-wens u jissapportjaw lil xulxin u lil dawk kollha li huma jieħdu ħsieb. Alla li tħobb u li tagħti l-wens, imla l-ħabs tagħna bil-grazzja tiegħek, biex id-dawl tiegħek jirbaħ fuq id-dlam.

Dan nitolbuhulek bi Kristu Sidna.
Ammen.

# IS-SIBT: NITOLBU GĦAL DAWK LI JAĦDMU FIL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI

*Hu diffiċli ssib bilanċ bejn ġustizzja u ħniena, bejn il-bżonnijiet tal-ħabsin u l-bżonnijiet tal-vittmi tagħhom. Dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tal-ġustizzja jeħtieġu t-talb tagħna. Huma jeħtieġu d-dawl tal-għerf ta' Alla biex iżommu bilanċ li jwassal għal ġustizzja vera.*

Alla tat-tama, int mimli ħniena, ibgħat l-Ispirtu tiegħek fuq dawk kollha li jaqdu fil-qasam tal-ġustizzja.

Agħtihom l-ispirtu tal-għerf u tad-dixxerniment biex id-deċiżjonijiet tagħhom ikunu għall-ġid ta' dawk involuti.

Agħtihom il-ħeġġa u l-entużjażmu biex ifittxu sew il-bżonnijiet tal-vittmi u tal-ikkundannati kif ukoll il-bżonn li s-soċjetà għandha ta' ġustizzja u sigurtà.

Mulej, induru lejk bit-tama.
Ammen.

# TALBA FIL-ĠIMGĦA DDEDIKATA LILL-ĦABSIN

Mulej, int li tagħti l-ħelsien lil kull wieħed u waħda minna, nitolbuk għal dawk li qegħdin il-ħabs.
Kisser l-irbit li jġibu magħhom il-biża' u l-iżolament.
Għin bl-imħabba tiegħek lill-priġunieri kollha, lill-familji tagħhom, lill-ħbieb tagħhom. Kun mal-ħaddiema tal-ħabs li jieħdu ħsiebhom, kif ukoll ma' dawk kollha li jgħinuhom b'xi mod jew ieħor.
Fejjaq il-feriti ta' dawk li sfaw imweġġgħin bl-aġir ta' ħaddieħor, speċjalment lill-vittmi tal-kriminalità.
Għinna naħfru lil xulxin. Għinna nimxu fit-triq it-tajba. Agħtina l-kuraġġ li nħobbu l-ħniena u li nimxu bl-umiltà, flimkien, ma' Ġesù Kristu Sidna u mal-Ispirtu tiegħu, issa u dejjem.
Ammen.

INT
TISTA' SSIB LIL ĦUK
ĦABSI U VITTMA

FEJN HU ĦUK?

PROĠETT PARROĊĊA SAN ĠORĠ
2020-2022